



Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0205(COD)

13189/23
ADD 1

CODEC 1632
TRANS 364
AVIATION 169
ENV 1010
ENER 503
IND 482
COMPET 897
ECO 63
RECH 405
CLIMA 410
RELEX 1075

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislativ = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju u l-Lussemburgu

Il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ser jaqdu rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni u fil-kisba tal-għanijiet stabbiliti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għalhekk dejjem konna favur miri ambizzjużi u finalizzazzjoni rapida ta' dan il-fajl importanti matul il-proċess leġislativ kollu. F'dan il-kuntest, dejjem esprimejna l-opinjoni qawwija tagħna kontra l-inklużjoni ta' fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, peress li dawn il-fjuwils imorru kontra l-kisba tal-għanijiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u fl-istess ħin mhumiex allinjati mad-definizzjonijiet fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

L-Awstrija, il-Belġju u l-Lussemburgu jesprimu d-dispjaċir tagħhom dwar l-inklużjoni ta' "fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" u "idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju". Madankollu, fl-ispirtu ta' compromess, nistgħu naqblu mat-test ta' compromess.
